MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 245/2007

**Saviour J Camilleri (ID No 935044M)**

**Vs**

**Aplan Limited (C 2450)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talab sabiex is-socjeta’ intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess rikorrenti l-ammont ta’ tliet mija u disghin Lira Maltija (Lm390), prevja dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti tar-responsabilita’ tieghu, liema ammont huwa rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrent bhala konsegwenza ta’ incident illi minhabba fih inkisirlu l-*microwave oven* tieghu, liema incident sehh fl-edifizzju illi minnu jopera l-konvenut u cioe Aplan Centre, Birkirkara Bypass, Birkirkara u li kien kkawzat tort unikament tal-konvenut, stante illi b’nuqqas ta’ diligenza, prudenza jew ta’ hsieb, il-konvenut naqas milli josserva d-dmirijiet tieghu

imposti mill-ligi u senjatament id-dmir impost fuqu mill-ligi illi taghmel jew tizgura li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tar-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-persuni illi jzuru l-edifizzju minn fejn jopera b'liema nuqqas ta' osservanza il-konvenut ikkaguna danni lir-rikorrent, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata u r-rapprezentanti taghha li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 10 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament qed tigi eccepita n-nuqqas ta' kompetenza rationae valoris, stante li hawn si tratta ta' money claim ta' Lm390.00 li kwindi taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghat-Tallbiet Zghar, u ghalhekk din il-Qorti mhux il-forum kompetenti;
2. Fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipejnti ma hiex responsabbli ghall-incident de quo, u kwindi m'ghandha twiegeb ghal ebda danni talvota sofferti mir-rikorrent, kemm-il darba jirrizultaw danni.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u in konnessjoni mal-eccezzjoni preliminari kif sottomessa mis-socjeta' intimata.

Rat l-atti kolha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni preliminari kif sottomessa, mill-istess rikors promotur jirrisulta illi din hi kawza li tinvolvi il-hlas ta' danni allegatament ammontanti ghal Lm390.

Illi mill-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u dan abbinat mal-ariktolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-istess Ligijiet, jirrisulta illi, fuq bazi ta' valur, din il-Qorti hi kompetenti li tisma' u tiddeciedi kazijiet li fihom hu involut l-ammont li jmur oltre t-tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3494.06).

Illi ghalhekk jidher car illi dan il-kaz ma hux kompetenza ta’ din il-Qorti izda jidhol f’dik tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar.

Illi, dan premess, jidher li din il-Qorti ma ‘tistax tkompli tisma’ dan il-kaz u tiddeciedi finalment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti waqt li tilqa’ l-eccezzjoni preliminari in esami. Tiddikjara ruhha bhala inkompetenti “ratione valoris” u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------